



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 37/25

il-Lussemburgu, 21 ta' Marzu 2025

Statistika ġudizzjarja 2024: żieda sinjifikattiva kemm tal-kawżi ġodda quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll tal-kawżi magħluqa mill-Istituzzjoni kollha kemm hi

B'922 kawża magħluqa matul is-sena, il-Qorti Ġenerali tejbet ir-riżultat tagħha tas-sena l-oħra u qabżet sostanzjalment il-medja tal-aħħar snin. Hija rnexxielha wkoll tnaqqas l-istokk tal-kawżi pendenti b'mod sinjifikattiv

Il-Qorti tal-Ġustizzja

- Is-sena li għaddiet tista' tiġi kklassifikata bħala **sena straordinarja**, kemm fir-rigward tan-numru ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll fir-rigward tan-numru ta' kawżi magħluqa mill-Istituzzjoni kollha kemm hi.
- Fl-2024, tressqu **920** kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, żieda ta' 12 %; hija għalqet **863** kawża, żieda ta' 10 % u numru kważi identiku għan-numru rekord ta' kawżi magħluqa fl-2019.
- Iċ-ċifri tas-sena 2024 ifakkru l-għola punti milfuqa fl-2019** u jagħtu s-sens kollu tagħhom lir-**riforma leġislattiva** li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2024, dwar it-trasferiment parzjali tal-ġurisdizzjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali f'ċerti oqsma speċifiċi ¹. In-numru ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa fl-aħħar tliet xhur tal-2024 li kienu ġejjin minn tnax-il Stat Membru differenti u li ntbagħtu lill-Qorti Ġenerali huwa ta' 19.

Il-Qorti Ġenerali


- B'922 kawża magħluqa matul is-sena 2024, il-Qorti Ġenerali għamlet aħjar mis-sena li għaddiet**, u sostanzjalment aħjar mill-medja tal-aħħar snin.
- Il-Qorti Ġenerali rnexxielha **tnaqqas l-istokk tal-kawżi pendenti** sinjifikattivament: il-kawżi pendenti huma 1 302, iċ-ċifra l-iktar baxxa sa mill-2015.

In-numru ta' kawżi ġodda quddiem iż-żewġ qradi fl-2024 huwa ta' 1 706. Din iċ-ċifra hija paragonabbli ma' dik tas-snin preċedenti (1 689 fl-2023 ²; 1 710 fl-2022; 1 720 fl-2021).

Fir-rigward tan-numru ta' kawżi ttrattati, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali għalqu total ta' 1 785 kawża fl-2024, ċifra eċċezzjonali meta mqabbla ma' dik tas-snin preċedenti (1 687 fl-2023; 1 666 fl-2022; 1 723 fl-2021).

In-numru ta' kawżi pendenti quddiem iż-żewġ qradi, 2 508 ³, min-naħa tiegħu, naqas meta mqabbel mas-sena preċedenti (2 587 fl-2023) u jinsab taħt il-livell osservat matul is-snin 2020 sa 2022.

Evoluzzjoni ġenerali tal-attività ġudizzjarja tal-Istituzzjoni mill-2020 sal-2024



Ħarsa ġenerali	2020	2021	2022	2023	2024
Kawżi ġodda	1 584	1 720	1 710	1 689	1 706
Kawżi magħluqa	1 540	1 723	1 666	1 687	1 785
Kawżi pendenti	2 544	2 541	2 585	2 587	2 508

Il-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-2024, in-numru ta' **kawżi mressqa** quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kien ta' **920**. Dan ma huwiex l-oġġla numru tal-istorja tagħha, peress li r-rekord intlaħaq ħames snin qabel, b'966 kawża ġdida fl-2019, iżda din iċ-ċifra xorta tirrappreżenta **żieda ta' 12 %** meta mqabbla mas-sena preċedenti (821 kawża ġdida fl-2023).

Is-suġġett tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja matul is-sena li għaddiet jikkorrispondi, globalment, għal dak tas-snin preċedenti. B'hal fil-passat, hija ġiet adita, fl-2024, b'diversi kawżi relatati **mal-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-ambjent, mal-politika soċjali u mat-trasport, jew ukoll mal-kompetizzjoni u mal-għajjuna mill-Istat**. Numru kbir ta' kawżi jikkonċernaw il-**politika ekonomika u monetarja, kif ukoll il-miżuri restrittivi adottati fil-kuntest tal-gwerra fl-Ukraina**, kif ukoll l-**Ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja**. Mhux inqas minn 123 kawża, fosthom 117-il talba għal deċiżjoni preliminari, tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'dan l-aħħar qasam fl-2024, jiġifieri 40 iktar mis-sena preċedenti.

Hija **għalqet 863 kawża**, jiġifieri numru kważi identiku għan-numru rekord ta' ħames snin qabel (865). Dan ir-riżultat, li jirrappreżenta **żieda ta' 10 %** meta mqabbel mas-sena preċedenti li matulha kienu ngħalqu 783 kawża, jirrifletti l-isforzi kostanti tal-qorti sabiex taffronta l-volum ta' xogħol tagħha.


It-**tul medju tat-trattament tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari** għadda, min-naħa tiegħu, minn 16.8 xhur fl-2023 għal **17.2 xhur** fl-2024, filwaqt li **dak tat-trattament tar-rikorsi diretti għadda matul l-istess perijodu minn 20.8 xhur għal 21.5 xhur**. It-tul medju tat-trattament tal-kawżi suġġetti għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari għadda, min-naħa tiegħu, minn 4.3 fl-2023 għal 3.3 xhur fl-2024.

Għal dak li jirrigwarda t-tqassim tad-deċiżjonijiet mogħtija minn kulleġġ ġudikanti, wieħed għandu jinnota fuq kolloxx **żieda qawwija fin-numru ta' deċiżjonijiet mogħtija mill-Awla Manja**. Fl-2024, 74 kawża fil-fatt ingħalqu minn dan il-kulleġġ ġudikanti, meta mqabbla ma' 36 kawża biss sena qabel.

Għalkemm in-numru ta' kawżi magħluqa mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-2024 kien eċċezzjonalment għoli, xorta waħda jibqa' inqas min-numru ta' kawżi ġodda, li konsegwentement iwassal għal **żieda fin-numru ta' kawżi pendenti**, li kien jammonta għal **1 206** sal-31 ta' Diċembru 2024. Dan huwa l-oġġla numru li qatt ġie rreġistrat fl-annali tal-Qorti tal-Ġustizzja. Waqt illi huwa jixhed il-fiduċja li ċ-ċittadini u l-qrati tal-Istati Membri tal-Unjoni għandhom fil-Qorti tal-Ġustizzja sabiex taqta' l-kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, huwa jenfasizza wkoll l-importanza tar-riforma leġislattiva li daħlet fis-seħħ f'Ottubru 2024, li hija intiża li tibbilanċja mill-ġdid il-volum ta' xogħol bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali billi tittrasferixxi lil din tal-aħħar parti mill-kompetenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Kif enfasizza Koen Lenaerts, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, *"F'kuntest globali kkumplikat, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kienet kapaċi żżomm id-direzzjoni tagħha, iggwidata mill-missjoni tal-ġustizzja u ta' supremazija tad-dritt fdat lilha mit-Trattati. Hija kompliet ix-xogħol tagħha ta' kuljum li tipproteġi l-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea u li tikkontribwixxi għall-bini ta' ordinament ġuridiku komuni għall-Istati Membri. Hija stabbiliet ukoll stadji importanti ġodda li huma essenzjali għall-funzjonament tagħha għas-snin li ġejjin."*


Attività ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja: kawżi ġodda, magħluqa, pendenti (2020-2024)



Ħarsa ġenerali	2020	2021	2022	2023	2024
Kawżi ġodda	737	838	806	821	920
Kawżi magħluqa	792	772	808	783	863
Kawżi pendenti	1 047	1 113	1 111	1 149	1 206

L-analiżi tal-orġini ġeografika tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2024 għandha ħafna indikazzjonijiet. Filwaqt li r-rinviji magħmula mill-qrati **Taljani** kienu fil-fatt naqsu b'mod qawwi fl-2023, in-numru tagħhom żdied sinjifikattivament fl-2024, peress li dawn indirizzaw kważi mitt talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja fl-2024 (98, meta mqabbla ma' 43 biss fl-2023), jiġifieri l-ogħla numru ta' rinviji li saru minn dan l-Istat. B'kuntrast ma' dan, in-numru ta' rinviji magħmula mill-qrati **Ġermaniżi** segwa d-direzzjoni opposta b'66 talba, li huwa l-iktar numru baxx fl-aħħar ħmistax-il sena, u kien għadu jammonta għal 94 fl-2023 u għal 140 tliet snin qabel (2020), filwaqt li n-numru ta' rinviji magħmula mill-qrati **Pollakki** baqa' stabbli, peress li dawn il-qrati indirizzaw lill-Qorti tal-Ġustizzja 47 darba fl-2024 (meta mqabbla ma' 48 is-sena preċedenti). Dawn huma segwiti, fl-ordni, mill-qrati **Awstrijaċi (39)**, **Bulgari (38)** u **Belġjani (36)**.

Kawżi għal deċiżjoni preliminari mressqa fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-qrati tal-Istati Membri (2024)



Il-Qorti Ġenerali

In-numru ta' **kawżi ġodda** quddiem il-Qorti Ġenerali fl-2024 huwa ta' **786**.

Fir-rigward tal-kontenzjuż dwar id-**dritt tal-proprietà intellettwali**, wieħed josserva tnaqqis żgħir fin-numru ta' kawżi ġodda (268 meta mqabbla ma' 309 fl-2023), minkejja li l-bordijiet tal-appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) għalqu iktar proċedimenti meta mqabbla mas-sena preċedenti. It-tendenza ta' tnaqqis ta' dan il-kontenzjuż quddiem il-Qorti Ġenerali jista' jiġi kkonfermat, peress li l-appelli ppreżentati quddiem il-bordijiet tal-appell tal-EUIPO naqsu (b'6%) u l-użu tal-mekkaniżmi alternattivi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim quddiem l-EUIPO ġie inkoraġġit.

Il-kawżi li jirriżultaw mill-**politika ekonomika u monetarja**, qasam li jinkludi b'mod partikolari d-dritt bankarju, qed jonqsu b'mod sinjifikattiv, b'mod partikolari fir-rigward tal-appelli ppreżentati kontra l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) ⁴.

Il-kontenzjuż dwar **ir-regolazzjoni tas-swieq u tas-servizzi diġitali** ra l-introduzzjoni ta' sitt kawżi dwar ir-Regolament (UE) 2022/2065 dwar is-servizzi diġitali (Digital Services Act (DSA)), li jikkonċernaw l-indikazzjoni bħala "pjattaforma online kbira ħafna" jew l-ammont tat-tariffa superviżorja, u żewġ kawżi relatati mar-Regolament (UE) 2022/1925 dwar is-swieq diġitali (Digital Markets Act (DMA)), li jirrigwardaw deċiżjonijiet indikattivi bħala "gwardjani". **F'dan l-istadju, il-Qorti Ġenerali għadha ma rċevietx kawżi dwar l-implimentazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-obbligi sostantivi imposti fuq dawn l-atturi ekonomiċi, kawżi li jistgħu tabilħaqq jikkontribwixxu għall-kontenzjuż fis-snin li ġejjin.**

Il-kontenzjuż tal-**miżuri restrittivi** jibqa' stabbli meta mqabbel mal-2023 (63 kawża). Bl-istess mod, il-kawżi l-ġodda f'dan il-qasam jikkonċernaw fil-parti l-kbira tagħhom (47 rikors minn 63) is-serje ta' miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi fil-kuntest tal-gwerra fl-**Ukraina**.


Fir-rigward tal-oqsma tradizzjonali tal-kontenzjuż imressqa quddiem il-Qorti Ġenerali, dak **tas-servizz pubbliku** jibqa' stabbli (78 kawża kontra 82 fl-2023). Fil-qasam tal-**għajjnuna mill-Istat**, in-numru żdied għal 23 kawża, meta mqabbla ma' 10 biss fl-2023, iżda baqa' ferm inqas mil-livelli storiċi. Fl-aħħar nett, bħal fl-2022 u fl-2023, il-kawżi fil-qasam tal-**kompetizzjoni** baqgħu ftit bħala numru, b'10 kawżi ġodda fl-2024.

B'922 kawża magħluqa matul is-sena, il-Qorti Ġenerali għamlet aħjar mis-sena l-oħra, u sostanzjalment aħjar mill-medja tal-aħħar snin. Hija għalhekk irnexxielha **tnaqqas l-istokk ta' kawżi pendenti** sinjifikattivament: il-kawżi magħluqa jaqbżu l-kawżi l-ġodda b'136 unità, il-kawżi pendenti huma, fil-31 ta' Diċembru 2024, 1 302 (jekk il-grupp ta' 404 kawżi essenzjalment identiċi mressqa fl-2023 jitqies li huwa kawża waħda, fejn iċ-ċifra netta hija ta' 1 705 kawżi). Din hija ċ-ċifra l-iktar baxxa sa mill-2015.

It-tul medju tal-istanza baqa' kważi stabbli, b'żieda żgħira ħafna. Dan tela' għal **18.5** xhur fl-2024 għall-kawżi magħluqa permezz ta' sentenza jew permezz ta' digriet (meta mqabbla ma' 18.2 fl-2023) u **22.1** (meta mqabbla ma' 21 fl-2023) meta jittieħdu inkunsiderazzjoni biss il-kawżi magħluqa permezz ta' sentenza. Għal din l-aħħar kategorija, it-tul medju tal-istanza jvarja bejn 42.6 xhur għall-kawżi tad-dritt tal-kompetizzjoni (37.2 għall-kawżi dwar għajjnuna mill-Istat) u 13.5 għall-kawżi dwar proprietà intellettwali. L-għeluq ta' diversi kawżi jew gruppi ta' kawżi kumpleksi u iktar antiki, b'mod partikolari fl-oqsma tal-għajjnuna mill-Istat, tal-kompetizzjoni jew tad-dritt bankarju, ikkontribwixxa għal żieda fit-tul medju tal-istanza f'dawn l-oqsma. Dan il-fenomeni huwa mistenni li jittaffa u t-tul medju tal-istanza huwa għalhekk mistenni li jonqos fis-snin li ġejjin.

Kif jenfasizza Marc van der Woude, il-President tal-Qorti Ġenerali, *"Bis-saħħa tal-kompetenza l-ġdida tagħha fil-qasam ta' deċiżjoni preliminari, kif ukoll ta' responsabbiltajiet ġodda wara l-estensjoni tal-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli, il-Qorti Ġenerali adottat l-għodod kollha neċessarji għal trattament effikaċi u proattiv tal-kawżi mressqa quddiemha, filwaqt li ppreparat ruħha għall-perijodu ta' tliet snin li jmiss li jibda f'Ottubru 2025."*

Attività ġenerali tal-Qorti Ġenerali: kawżi ġodda, magħluqa, pendenti (2020-2024)



Ħarsa ġenerali	2020	2021	2022	2023	2024
Kawżi ġodda	847	882	904	868	786
Kawżi magħluqa	748	951	858	904	922
Kawżi pendenti	1 497	1 428	1 474	1 438	1 302

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ibqgħu konnessi!



¹ Dawn huma s-sitt oqsma li ġejjin: 1) is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), 2) id-dazji tas-sisa, 3) il-Kodiċi Doganali, 4) il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda, 5) il-kumpens u l-assistenza lill-passiġġieri fil-każ ta' rifjut ta' imbark jew ta' dewmien jew ta' kanċellazzjoni ta' servizzi ta' trasport, u 6) l-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra.

² Grupp ta' 404 kawżi mressqa f'Ottubru 2023 quddiem il-Qorti Ġenerali, li huma essenzjalment identiċi, tqiesu li huma kawża waħda. Dawn ir-rikorsi (T-620/23 sa T-1023/23) jirrigwardaw l-emenda tal-iskema ta' pensjoni komplementari volontarja tal-Membri tal-Parlament Ewropew.

³ *Ibidem*.

⁴ Dan huwa spjegat mill-fatt li mill-2024, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni waqaf jiġbor il-kontribuzzjonijiet *ex ante* tal-istituzzjonijiet suġġetti għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, li kienu s-sors ewlieni ta' tilwim. L-14-il rikors ippreżentati fl-2024 jirrigwardaw l-adozzjoni mill-ġdid tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-2021 u għandhom jitqarrbu lejn 48 kawża li jikkonċernaw il-kontribuzzjonijiet għall-2023.